MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2009

Numru 854/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**

**Omissis**

**u**

**Christopher Shepherd ta' 39 sena iben Anthony u Mary Anne Shepherd, imwieled ir-Rabat Ghawdex nhar l-20 ta' Lulju 1970 u prezentament residenti gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 19780(G)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat u persuna ohra u cioe` talli nhar il-21 ta' Frar, 2008, f'xi hin bejn il-

17.00 ta’ wara nofsinhar u l-22:30 ta’ filghaxija, minn gewwa l-imhazen tad-Dwana ta’ Malta bl-isem General Examination Shed li jinsabu fil-Qasam Industrijali tal-Marsa ikkommetta serq ta’ armi tan-nar u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ tal-Gvern ta’ Malta. ta’ Raymond Cauchi minn Ghawdex u/jew xi persuna jew persuni ohra,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta,

U aktar talli fl-istess data u fil-granet ta’ wara, f’dawn il-gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht control tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Isskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att,

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi u fil-granet ta’ wara, xjentament f’Malta laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentament b’kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti,

Akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha llum stess il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza tar-ricettazzjoni li nghatat bhala kap alternattiv.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u koperazzjoni tieghu mal-pulizija. Izda ma tistax tinjora l-fedina penali pjuttost voluminuza tieghu.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 269, 270, 278(2), 280(2), 17(h) u 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuza tar-ricettazzjoni li minnha qed jigi liberat peress li din inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel akkuza, u tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn u nofs prigunerija.

Il-Qorti tordna finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tigi notifikata lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------